14 ta' Frar, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Salvatore Galea *versus* Paolo Gauci

**Ċitazzjoni — Kawżali — Danni — Delitt — Kważi-Delitt.**

*Meta l-kawżali taċ-ċitazzjoni hija bażata fuq delitt, li l-attur jallega li gie kommess mill-konvenut, u dan id-delitt ma jirriżultax, ma jistax l-attur jisposta l-kwistjoni fuq il-kważi-delitt minflok id-delitt; għax b'hekk huwa jkun qiegħed ibiddel il-kawżali taċ-ċitazzjoni.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn issottometta illi l-konvenut daħal fl-għalqa ta' l-istess attur, f'dik imsejħa "Ta' Tobija" fir-Rabat ta' l-Imdina, u qaċċat miz-zokk 'il fuq sigra kbira tal-ħarrub, appartenenti kwantu għal nofs lill-attur u kwantu għan-nofs l-ieħor lill-gabillott tal-għalqa konfinanti; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat jirriżarċixxi lilu d-danni li huwa sofra in konsegwenza tal-għemil ta' l-istess konvenut, limitatament għal nofs is-sigra; bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Awissu 1945;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu fis-26 ta' Frar 1946, fejn ċaħdet it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, u mid-dikjarazzjoni preżentata ma' dak l-att, l-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu kontra l-konvenut fuq il-fatt li dana daħal fl-għalqa ta' l-istess attur u volontarjament u bl-intenzjoni li jagħmillu ħsara, qaċċat, miz-zokk 'il fuq, is-sigra in kwistjoni;

Illi però jirriżulta li s-sigra mhix qiegħda fl-għalqa ta' l-attur, imma f'dik ta' taħtha, konfinanti magħha, li hija ta' Paolo Galea, u l-friegħi ta' dik is-sigra jinfirxu tant fuq il-għalqa ta' dan Paolo Galea kemm ukoll fuq l-għalqa ta' l-attur, billi hija qiegħda tmiss mal-ħajt li jaqsam iż-żewġ għelieqi; u jirriżulta wkoll illi l-konvenut ma daħalx fl-għalqa ta'

l-attur meta qaċċat dik is-siġra, imma qaċċatha mill-għalqa ta' l-imsemmi *Paolo, li kien* qabbdu biex iħaffilha ħalli mbagħad jaqilgħuha; u dik is-siġra ġiet imqaċċta għaliex meta l-konvenut qata' żewġ frieghi jew tlieta, iż-zokk niżel għal *ġo l-għalqa ta'* l-attur bil-piż tiegħu billi kien vojt;

Illi l-attur isostni li anki taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-konvenut jibqa' responsabili għad-danni li huwa sofra, u li huwa jindika bħala telf tal-ħarrub ta' nofs is-siġra li kien tiegħu, billi s-siġra tqaċċtet ħtija tal-konvenut għaliex ma kellux in-neċessarja kapaċità *li jagħmel l-imsemmi* xogħol li kien qabbdu jagħmel sid il-għalqa; imma anki jekk tista' tiġi rintraċċjata ħtija fil-konvenut għar-raġuni ndikata *mill-attur*, dana ma ddeduċiex fiċ-ċitazzjoni din il-kawża tat-talba tiegħu; u l-kawża, billi hija element sostanzjali ta' l-att taċ-ċitazzjoni, ma tistax tiġi mibdula u lanqas miżjuda;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata, u jkunu milqugħa t-talbiet *ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi*;

*Omissis*;

Tikkunsidra;

*Illi l-kwistjoni* unika deċiża mill-Ewwel Qorti hija dik li l-kawżali taċ-ċitazzjoni ma tippermettix illi l-eżami tal-ħsara jiġi spostat mid-delitt għall-kważi-delitt, kif jidher mill-aħħar parti tal-konsiderandi ta' l-ewwel sentenza.

L-attur fiċ-ċitazzjoni qal illi l-konvenut fit-18 ta' Awissu *1945 daħal fl-għalqa*........... minn din l-espożitiva jidher illi l-bażi hija d-"delitt", għaliex kieku ma kienx jgħid illi l-konvenut "daħal" fl-għalqa tiegħu u "qaċċat" *miz-zokk* is-siġra. Il-fatt li daħal fl-għalqa l-attur qiegħed jindikah bħala abuż, u mbagħad abuż ieħor illi qaċċat is-siġra min-nofs. Id-dikjarazzjoni mbagħad, li *skond* il-liġi hija illustrattiva tad-domanda, tgħid espressament illi l-konvenut daħal fl-għalqa ta' l-attur u volontarjament u bl-intenzjoni li jagħmillu ħsara qaċċat *miz-zokk* 'il fuq is-siġra in kwistjoni, u b'hekk l-attur sofra danni. Għalhekk l-Ewwel Qorti sewwa kkunsidrat illi l-bażi taċ-ċitazzjoni u l-kawżali tagħha huwa l-preżunt delitt da parti tal-konvenut, u għalhekk ma jistax l-istess attur, wara li ra

li t-teżi tad-delitt hija insostenibili, jisposta l-kwistjoni fuq il-kważi-delitt, għaliex b'dan il-mod, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, ikun qiegħed ibiddel il-kawżali taċ-ċitazzjoni. Għalhekk sewwa ddeċediet l-Ewwel Qorti, apparti l-kwistjonijiet l-oħra sollevati u prinċipalment jekk *fin-nuqqas tal-preżenza ta' sid il-għalqa* tistax tiġi deċiża l-kwistjoni ta' min hi s-siġra;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; bl-ispejjeż kontra l-appellant.